MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 824/2009

**Space Project Limited**

**(C – 36315)**

**vs**

**Mario Cini**

**(I.D. 320660 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 ta' Awwissu, 2009, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tal-intimat fis-somma ta' tlettax –il elf seba` mija u tlieta u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmu, (€13,743.31), rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti mill-intimat ghas-servizzi minnha rezi fil-fond *"Mimi Restaurant"*, Triq it-Torri, Tas-Sliema, (ara foll 4);

1.2. Illi nonostante li interpellat biex ihallas l-imsemmi ammont, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.3. Illi d-debitu tal-intimat mas-socjeta` rikorrenti hu wiehed cert, likwidu u dovut, li ghalih l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jipproponi;

1.4. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti *ai termini* tal-artiklu 167 (1) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-kawza odjerna titmexxa bid-dispensa tas-smiegh;

1.5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti u talbitha:

1.5.1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artiklu 167 (1) (b) tal-Kap 12 fuq indikat;

1.5.2. Tiddikjara li l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed, (1.1.), aktar qabel;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas s-somma riferita fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-intimat biex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fiz-zmien hemm indikat, (ara foll 8);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata z-19 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi trid qabel xejn tingieb il-prova li Michael Pace ghandu r-rapprezentanza legali tas-socjeta` rikorrenti;

3.2. Illi s-somma mitluba mis-socjeta` rikorrenti hi ezagerata u ma tirriflettix il-prezz gust jew dak kummercjali ghas-servizzi rezi;

3.3. Illi l-kontijiet tas-socjeta` rikorrenti dejjem kienu ikkontestati mir-rikorrenti;

3.4. Illi hemm il-htiega li jitqabbad perit nominandi biex wara li jiehu konjizzjoni tas-servizzi rezi mis-socjeta` attrici, jaghti stima tal-valur tal-istess;

3.5. Illi minhabba traskuragni u/jew inkompetenza fl-esekuzzjoni tal-istess servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti, ix-xoghol fil-fond tal-intimat ittawwal inutilment biex b'hekk l-ispejjez zdiedu bla bzonn u gie rekat dannu ingenti lill-intimat;

3.6. Illi minkejja li l-intimat ipprova jasal fi ftehim mas-socjeta` rikorrenti, din baqghet tinsisti b'intransigenza fuq il-kontijiet ezagerati taghha;

3.7. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ghandha tbaghti l-ispejjez ta’ din il-procedura;

3.8. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

3.9. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat l-estratt mill-minuti tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` rikorrenti datat l-20 t’Awwissu, 2009, li permezz tieghu l-imsemmi Michael Pace gie debitament awtorizzat jirrapprezenta lill-istess socjeta` f’kull att gudizzjarju kif hemm indikat, (ara foll 26);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat iz-17 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret perit tekniku hemm indikat biex jisma` l-provi kollha, (ara foll 53);

6. Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku fuq riferit datata z-19 ta’ Gunju, 2013, (ara foll 70 A);

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

9. Rat ix-xhieda prodotta quddiemha;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi skont ir-relazzjoni peritali in atti il-procedura odjerna tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

10.1. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi ibbazata fuq l-*istatement of account* minnha mahrug fil-konfront tal-intimat, (ara foll 4);

10.2. Illi qabel mas-socjeta` rikorrenti giet inkarigata bix-xogholijiet in dizamina mill-intimat, hi kienet harget kwotazzjoni datata d-9 t'April, 2007, (ara foll 120), li kienet sussegwentement riveduta bi kwotazzjoni ohra datata l-5 ta' Mejju, 2007, (ara foll 122);

10.3. Illi s-socjeta` rikorrenti inghatat l-appalt in dizamina wara li l-partijiet qabblu fuq ir-rati tax-xogholijiet involuti;

10.4. Illi f'Settembru, 2007, il-progett kien komplut, (ara foll 76);

10.5. Illi l-intimat ikkontesta l-kontijiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 76);

10.6. Illi l-istess espert tekniku nominat ezamina dettaljatament il-lanjanzi kollha sollevati mill-intimat, u wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

10.6.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha iggorr parti mir-responsabilita`ghall-fatt li l-madum ittebba` u kellu jitnaddaf, (ara foll 84);

10.6.2. Illi l-ilment tal-intimat dwar il-kondizzjonaturi tal-arja u dwar id-dawl mhux gustifikat, (ara foll 84);

10.6.3. Illi rigward l-imwejjed u siggijiet involuti fl-istess progett is-socjeta` rikorrenti m'ghandiex tinzamm responsabbli, (ara foll 85);

10.6.4. Illi ghar-ragunijiet indikati fir-relazzjoni peritali *de quo*, is-somma mitluba mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-intimat ghandha titnaqqas kif hemm indikat, (ara foll 86);

10.6.5. Illi apparti r-riduzzjoni indikata fil-paragrafu precedenti t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu milqugha;

10.6.6. Illi in vista tal-premess l-istess espert tekniku nominat ikkonkluda li l-ammont allura dovut mill-intimat tas-socjeta` rikorrenti jammonta komplessivament ghal tnax -il elf, hames mija u sittax -il Ewro u ghoxrin centezmu, (€12,516.20);

Ikkunsidrat:

11. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex takkolji l-konkluzjonijiet kollha tal-perit tekniku *de quo* u konsegwentement tiddikjara li qed taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi tenut kont tas-suespost, hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi fil-limiti fuq esposti, u konsegwentement, filwaqt li takkolji it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif ser jigi specifikat aktar l-isfel, tirrespingi r-risposti tal-intimat u ghalhekk:

**DECIDE:**

12.1. Tiddikjara lill-intimat Mario Cini debitur tas-socjeta` rikorrenti Space Project Limited fl-ammont ta' tnax -il elf hames mija u sittax -il Ewro u ghoxrin centezmu, (€12,516.20);

12.2. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata;

13.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet skont il-ligi mill-11 ta' Mejju, 2007, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-imsemmi intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------